MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1084/2003

**PAUL TABONE ET**

**Vs**

**EDGAR BONNICI CACHIA**
**U RITA CACHIA**

Il-Qorti,

Rat l-atti tac-citazzjoni li biha l-atturi ppremettew illi l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi fis-somma ta' hamsin elf u mitejn liri Maltin (Lm50,200) rapprezentanti dan l-ammont somma mislufa lill-konvenuti mill-atturi fil-5 ta' April tas-sena 2001.

Ippremettew illi ghalkemm mitlubin diversi drabi mill-atturi sabiex ihallsu din is-somma, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ippremettew illi l-kreditu ta’ l-atturi fis-somma ta’ hamsin elf u mitejn liri Maltin (Lm50,200) huwa cert, likwidu u esigibbli, u sa fejn jafu l-atturi, il-konvenuti m’ghandhom l-ebda diviza valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba taghhom ghall-hlas ta’ dik is-somma kif jirrizulta mill-affidavit ta’ Paul Tabone hawn anness u mmarkat Dok PT.

Talbu biex il-konvenuti ghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. taghti s-sentenza u tilqa’ t-talba attrici bla ma tghaddi ghas-smigh  tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. hekk tikkundanna minnufih lil-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ hamsin elf u mitejn liri Maltin (Lm50,000).

3. Bl-imghax sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ Sekwestru u tal-mandat ta’ deskrizzjoni li qeghdin jigu pprezentati kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti  sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w’in-nota tax-xhieda ta’ l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu  li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti ta’ illum stess li biha cahdet it-talba tal-konvenuti biex ikunu awtorizzati jikkontestaw it-talbiet attrici;

Semghet ix-xhieda ta’ l-atturi;

Semghet l-Avukat ta’ l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata, mehud kont tal-fatt, anke, li l-konvenuti ma cahdux li rcevew l-flus mill-atturi;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------